MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MARSEANN FARRUGIA**

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2011

Numru. 248/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt Norbert Ciappara)**

**vs.**

**Kyle Buhagiar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra Kyle Buhagiarta’ 19-il sena, twieled fit-30 ta’ Settembru 1989, bin Agostino u Maria nee Micallef, residenti Numru 74A Tarxien Road, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita 448489(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, nhar it-28 a’ Settembru 2006, u b’digriet tal-28 ta’ Marzu
2011 il-kliem “28 ta’ Settembru 2006” gew sostitwiti bil-kliem “24 ta’ Awissu 2008”.

(a) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

(b) u aktar talli kiser l-ordni tal-probation (recte liberta kondizzjonata) liema ordni kienet inghatat lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Dott. L. Quintano LL.D. fid-9 ta’ Marzu 2006.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta’ l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) ta’ l-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema’ minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali;

Rat li fis-seduta tal-25 ta’ Marzu 2011, l-ufficjal prosekutur informa lill-Qorti li mill-imputazzjoni qed jirrizulta li l-imputat qed jigi imputat lilu li kiser l-ordni tal-Qorti tad-9 ta’ Marzu 2006, u li mill-fedina penali u d-data ta’ l-akkuza kif korretta, jirrizulta li l-Ordni tal-Probation (recte liberta kondizzjonata) kienet diga skadiet.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta’ dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta’ dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu

zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Rat u semghet il-provi u t-trattazzjoni dwar il-piena,

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta’ l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u mhux hati tat-tieni akkuza.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija, li ghalkemm il-fedina penali tieghu m’hix netta - lanqas hi allarmanti, ghax ghandu tlett kundanni ghall-pussess semplici ta’ droga, u qed jaghmel hiltu kollha biex jaqta’ l-problema tad-droga.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 u r-Regolament 9 tal-GN 292/1939, u l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, fil-waqt li issib lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni mibjuba kontra tieghu u qed tilliberah minnha, issibu hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, u b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta il-Qorti qed tqieghed lil hati taht Ordni ta’ Probation ghal zmien tlett (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-Ordni ta’ Probation hawn anness, u li ghandha tifforma parti integrali ta’ din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta’ Probation jew jekk jonqas illi jsegwi xi wahda mill-ordnijiet stipulati fl-Ordni tal-Probation, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta’ din l-Ordni.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi magħha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------